

Appell ippreżentat fl-4 ta' April 2019 minn Kurt Hesse mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (il-Ħames Awla) fl-4 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża magħquda T-910/16 u T-911/16 – Kurt Hesse u Wedl & Hofmann GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

(Kawża C-426/19 P)

(2019/C 372/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Kurt Hesse (rappreżentant: M. Krogmann, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Wedl & Hofmann GmbH, L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-Awla għall-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat l-appellant għall-ispejjeż tiegħu stess.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fit-28 ta' Ġunju 2019 – UCMR – ADA Asociația pentru Drepturi de Autor a Compozitorilor vs Asociația Culturală “Suflet de Român”, irrapreżentata mill-likwidatur tagħha, Pro Management Insolv IPURL

(Kawża C-501/19)

(2019/C 372/09)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Înalta Curte de Casație și Justiție

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: UCMR – ADA Asociația pentru Drepturi de Autor a Compozitorilor

Konvenuta: Asociația Culturală “Suflet de Român”, irrapreżentata mill-likwidatur tagħha, Pro Management Insolv IPURL

Domandi preliminari

- 1) Il-proprjetarji ta' drittijiet fuq ix-xogħolijiet mużikali jwettqu provvista ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 24(1) u tal-Artikolu 25(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur